KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

**Minuti tal-Laqgħa Nru 24 tas-Sitt Kunsill Lokali tal-Mosta li saret fl-Uffiċċju tal-Kunsill, Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, nhar il-Ħamis 27 ta' Ġunju 2013 fis-7.30 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fis-7.50 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxiet il-laqgħa tal-Kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Shirley Farrugia | 7.45pm | 10.25pm |
| Viċi Sindku Joseph De Martino | 7.30pm | 10.25pm |
| Kunsillier Alexander Muscat | 8.05pm | 10.25pm |
| Kunsillier Abraham Bezzina | Assenti | |
| Kunsillier Dr Rachel Tua | 7.50pm | 8.20pm |
| Kunsillier Mario Sammut | 7.45pm | 10.10pm |
| Kunsillier Kirby Fenech | 8.30pm | 9.35pm |
| Kunsillier James Cassar | Skużat | (imsiefer) |
| Kunsillier Keith Cassar | 7.45pm | 10.25pm |
| Kunsillier David Meilak | 7.55pm | 10.25pm |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 8.05pm | 10.25pm |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv , is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

**1.00 a) Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nru 23- 30 ta' Mejju 2013**

Il-Minuti tal-laqgħa Nru 23 li saret fit-30 ta' Mejju, 2013 kienu ntbagħtu qabel u għalhekk ġew meħuda bħala moqrija. Dawn ġew approvati unanimament wara li saret korrezzjoni waħda kif ġej:

Fit-tieni paġna Item 2,Punti Mqajjma mill-Minuti, it-tielet paragrafu, tneħħew il-kliem **"jittieħed lura"** u nbidlu bil-kliem **"jerġa jiġi mmaniġġjat".**

**2.00 Punti Imqajjma mill-Minuti**

**Dwar il-Korrispondenza Nri. 3,6, u 8 li jikkonċernaw tismija ta' toroq ġodda,** l-Aġent Segretarju Eżekuttiv irraporta li wara li saret site-visit mill-membri tal-kumitat tat-tismijja tat-toroq, kien ġie infurmat li:

a) Il-parti ta' Triq il-Fortizza tal-Mosta li għandha tiġi msemmija Vjal Ragusa għandha tkun il-parti minn Triq Walter Salamone sa fejn jispiċċaw il-konfini tal-Mosta jiġifieri sal-barriera taż-żrar, fejn jibdew il-konfini tan-Naxxar.

b) Ġie aċċettat li Triq Ġdida fi Triq is-Snajja tissemma Triq il-Karettunier u meta din tiġi uffiċjalment approvata jintalab li l-garaxxijiet li hemm f'din it-triq jingħataw in-numri.

c) Triq Ġdida fi Triq Valletta li preżentament hi wkoll magħrufa bħala Triq Ġdida fi Triq ix-Xitwa hija fil-fatt kontinwazjoni ta' Triq ir-Rebbiegħa meta din tinfetaħ kollha. Għalhekk il-Kunsill għandu jipproponi xi triq oħra sabiex tissemma Triq l-Arċipriet Dun Pawl Mallia. Din għandha tkun xi triq li aktar tagħmel ġieħ lil dan l-arċipriet. Dan għaliex f'din il-parti ġdida ta' Triq ir-Rebbiegħa ma joqgħodux nies fiha. Il-Kunsilliera ġew mitluba li jagħmlu suġġerimenti dwar dan.

**Dwar item 5 –Rent Agreement-Mosta Day Centre/Youth Empowerment Centre**,

Sid il-kera nforma lill-Kunsill li skont il-kuntratt eżistenti tal-kera, il-Kunsill huwa marbut li jżomm dan il-fond għal-perijodu ta' erba snin oħra u għalhekk ma jistax jinħall mill-obligi tal-kuntratt imsemmi. Huwa, iżda, offra li jikkonċedi li l-kera tibqa ta' Euro 13,000 fis-sena għal dan il-perijodu. Il-Kunsill qabel unanimament u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv intalab jinforma uffiċjalment lis-sid il-kera sabiex jiġu iffirmati l-emendi meħtieġa fil-kuntratt tal-kera

**F'dan l-istadju intalbet u ġiet approvata sospensjoni tar-regolamenti sabiex isir l-iffirmar tal-5-A-Side Ground tal-Għajba mal-membri tal-Kumitat tal-Mosta Football Club. Il-Laqgħa tkompliet immedjatament wara li sar l-iffirmar.**

**3.0 Sospensjoni tar-regolamenti**

Meta tkompliet il-laqgħa, l-Kunsillier Alexander Muscat, talab li jitkellem dwar is-sitwazjoni ta' *Loading u Unloading Bays* u *Parking Bays* fi Pjazza Rotunda.

Huwa qal li kellu laqgħa ma Transport Malta fejn ġiet diskussa s-sitwazjoni li teżisti fi Pjazza Rotunda f'dan ir-rigward.

Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsillier Muscat li ħadd ma kien informa lil-Kunsill li kellha ssir din il-laqgħa.

Il-Kunsillier Muscat qal li huwa attenda din il-laqgħa sempliċement biex jiddiskuti materji relatati ma Transport Malta. Huwa qal li kien attenda bħala rappreżentant tal-OPM u fl-interess vestit li huwa kellu f'materji li jirrigwardjaw il-Mosta.

Is-Sindku qalet li xorta waħda kellha issir rikjesta formali sabiex il-Kunsill jintalab jattendi din il-laqgħa.

Il-Kunsillier Muscat qal li kien hemm 3 punti li ħarġu minn din il-laqgħa:

a) Transport Malta kienet lesta tikkonsidra li testendi l-kaxxa bajda tal-parking quddiem Olympic Bar u din tinbidel f'Un/Loading Bay. Dan seta jsir billi tittieħed parti mill-kaxxa tal-Arriva.

b) Transport Malta kienu lesti li jmexxu l-Bus Stop tal-Arriva aktar lil hemm mill-pjazza, iżda din kienet tkun miżura inġusta ma kulħadd.

c) Transport Malta hi lesta tapprova Un/Loading Bay fi Pjazza Rotunda imma din għandha tkun deċiżjoni tal-Kunsill fejn issir eżatt. Is-Sindku qalet li l-unika kaxxa bajda ta' parking li hemm hi quddiem St Mary's Pharmacy u kienet qed tiġi użata kontinwament (24 siegħa kuljum) mill-bejjiegħ tal-ħut. Dan kien imur kontra l-liġi tal-'Hawkers'. Dan il-post ma setax jiġi riservat għal-persuna waħda. Dan il-prinċipju ġie aċċettat minn kulħadd u l-Kunsillier Muscat qal li huwa ma kienx qed jgħid li l-Kunsill għandu jikser il-ligi. Is-Sindku qalet li l-Kunsill irċieva petizzjoni mingħand numru ta sidien tal-ħwienet fil-pjazza biex isir talba lill Transport Malta biex din il-kaxxa il-bajda tinbidel f'Un/Loading Bay . Il-kunsill diġa irċieva permess sabiex isir din l-un/loading bay mingħand il-Perit Testaferrata DeNoto ta' Transport Malta. Għalhekk għandha tkun l-istess Perit Testaferrata DeNoto li tinforma formalment lill-Kunsill b'xi żviluppi li jista jkun hemm f'dan ir-rigward. Jekk l-Kunsill ma jirċevix iżjed korrispondenza għar-rigward il-permess biex isir un/loading bay sal-15 ta' Lulju 2013, l-Kunsill għandu jipproċedi skont il-permess mingħand Transport Malta.

d) Il-Kunsillier Muscat qal li Transport Malta jidhrilhom ukoll li anke quddiem il-Knisja għandu jitħalla jsir il-parking ta' karozzi. Il-Kunsill unanimament wera li ma kienx jaqbel assolutamant ma din il-proposta.

## 4.00 Materji Finanzjarji

### a) Lista ta' Pagamenti

Ġiet approvata unanimament il-Lista ta' Pagamenti annessa kif preżentata b'total nett ta Euro 136,838.90.

### b) Lista tal- Purchase Orders

Ġiet approvata unanimament il-Lista ta' Pagamenti annessa kif preżentata.

### c) Approval for Councillors June Allowance

Il-Kunsill qabel unanimament li,wara li ġie ikkonsidrat li dawk il-Kunsillieri li kienu assenti għal-laqgħat tal-Kunsill kellhom raġunijiet validi minħabba impenji ta' xogħol, mard u safar, il-Kunsilliera kollha għandhom jingħataw l-allowance ta' perjodu minn Jannar sa Ġunju 2013 mingħajr ebda tnaqqis. Ġie elevat ukoll il-fatt li f'dan il-perijodu kien hemm l-Elezzjonijiet Ġenerali u għalhekk ħafna mill-Kunsilliera kienu impenjati b'xogħol relatat ma dawn l-elezjonijiet u dan minbarra li xi wħud kienu wkoll kandidati.

### e) Presentation of Auditors Report

Ġew imqassma kopji tar-rapport tal-awdituri lil-Kunsilliera kollha preżenti. Il-kummenti tal-awditur kienu immarkati b-kuluri li jindikaw fejn n-nuqqasijiet kienu min naħa tal-amministrazzjoni u l-istaff tal-kunsill u fejn kienu min naħa tal-accountant li kellu l-kuntratt mal-Kunsill. L-Aġent Segretarju Ezekuttiv qal li bħala l-bniedem professjonali, l-accountant tal-Kunsill huwa responsabli min ħafna nuqqasijiet fl-accounting tal-Kunsill li irrimarka fuqhom l-awditur u

għalhekk qed jistenna risposti mingħand l-accountant sabiex tintbagħat ir-risposta tal-Kunsill. Dwar nuqqasijiet oħra min naħa tal-Kunsill, tal-amministrazjoni u tal-accounts clerks huwa qal li ser jara li dawn ma jerġgħux jirrepetu ruħhom.

**5.00 Korrispondenza**

Ġiet diskussa u deċiża lista ta' 10 items ta' korrispondenza u dawn ġew deċiżi unanimament kif jidher fil-lista annessa.

**6.00 Purchasing of 2 Air Conditioning Units for Library & 1 for Council's Front Office**

Ġie approvat unanimament li dawn jinxtraw b'direct orders min aġenti differenti sabiex ma jintilifx ħafna żmien fi ħruġ ta' tenders minħabba l-urġenza ta' din il-materja.

**7.00 Affarijiet Oħra**

7.01 Ġie approvat li jiġi spostjat il-bank li hemm quddiem l-istabiliment 'Xaxa' fi Pjazza Rotunda.

7.02 Il-Viċi-Sindku s-Sur Joe De Martino talab u ġie aċċettat li tiġi rinfriskata ż-żebgħa tas-sinjali tat-toroq fi Triq il-Kostituzjoni u l-Kungress Ewkaristiku anke jekk dan suppost isir min Transport Malta.

7.03 Fuq talba tal-Kunsillier Keith Cassar, ġie approvat unanimament li l-Kunsill jerġa japprova, jipparteċipa u joffri s-support kollu tiegħu għal-Festa ta' Santa Maria tal-Mosta bl-istess mod kif dejjem għamel fil-passat.

7.04 Il-Kunsillier Marthese Mifsud talbet li jigi iċċekjat li d-dwal tal-Knisja Rotunda huma kollha f'kundizzjoni tajba u li dawn qed jaħdmu kif suppost.

7.05 Fuq talba tal-Kunsillier David Meilaq ġie approvat li l-Kunsill joħroġ 'no objection' għal BBQ mir-residenti fiż-żona taż-Żokrija.

7.06 Ġie approvat li l-Kunsillier Marthese Mifsud torganizza ħarga għal-Għawdex għal anzjani. Il-Kunsill jipprovdi u jħallas għat-transport f'Malta.

**8.00 Aġġornament**

Laqgħa oħra tal-Kunsill għandha ssir il-Ħamis 25 ta' Lulju, 2013.

Dott. Shirley Farrugia
Sindku

John J. Camilleri
Aġent Segretarju Eżekuttiv